**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 29 T' APRIL, 2002

**Numru: 18**

**Avviz Nru: 1205/01 JB**

**Carmelo Caruana Company Limited**

**vs**

**Decman Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm1,024.53c (elf u erbgha u ghoxrin lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu) rappresentanti prezz ta' servizzi t'agenzija marittima u xoghol relatat rezi lilha fuq ordni taghha stess.

Bl-ispejjez dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 2630/01, u t' ittra ufficjali datata 7 ta' Lulju 2000, kif ukoll l-imghax legali li mill-1 ta' Lulju 1997 sallum jammontaw ghal Lm348.34c (tlett mija u

tmienja u erbghin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu), b'rizerva ghal imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta fejn is-socjeta' konvenuta eccepiet, illi minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja u fil-mertu l-ammont mitlub huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi respint u f'kull kaz l-attur kellu jgib provi li dak mitlub huwa imputabbili ghal eccipjent u li l-obbligi tal-attur relattivi ghal tali parti gew debitament onorati in toto.

Illi inoltre, kull somma li talvolta tista tirrizulta dovuta ghandha tkun soggetta ghall-imghax mid-data tal-presentata ta dawn il-proceduri u mhux kif mitlub mill-attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti esibiti.

Ra d-dokumenti tas-seduta tas-26 ta' Marzu 2002, fejn il partijiet talbu lit-Tribunal biex ighaddi ghad-decizjoni tieghu fuq il-provi li kien hemm.

Ikkonsidera

Illi l-preskrizzjoni applikabbli ghal kaz in dezamina hija dik kwinkwennali oltre l-fatt li freight forwarder bhas-socjeta' attrici ghandha d-dritt li tigi risarcita l-ispejjez kollha minna nkorsi sabiex twassal dak impurtat mis-socjeta' bhal dik konvenuta wara

bieba.  A skans ta’ ripetizzjoni ssir ampja riferenza relattivament ghat-tieni u tielet eccezzjoni u ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) moghtija fl-4 ta’ Dicembru 1998 fl-ismijiet “Jos. Bowman noe vs Emanuel Cachia noe”.  L-kontijiet esibiti ma gewx bl-ebda mod kontestati.  Relattivament ghar-raba’ eccezzjoni, jigi rilevat li fil-kamp kummercjali l-interessi fuq somma dovuta jibdew jiddekorri minn meta tkun dovuta l-istess somma.  Fil-kaz odjern, l-attur illimita l-pretensjoni tieghu ghad-data ta’ 1 ta’ Lulju 1997 ossia minn meta nhareg il-kont finali.  Din it-talba hija gjustfikata wkoll.

It-Tribunal jaqta u jiddeciedi l-kaz hekk, fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet imressqa mill-konvenut, jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ Lm1024.53c (elf u erbgha u ghoxrin lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu) bhala kapital u Lm348.34 (tlett mija u tmienja u erbghin lira Maltin u erba’ u tletin centezmu) bhala interessi, b’kollox Lm1373.27c (elf tlett mija u tlieta u sebghin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu), oltre l-interessi mill-15 t’Ottubru, 2001 – data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

**Dr Joseph Bonnici**

**Gudikatur**